3 ta' Diċembru, 1954.

Imħallfin :—

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.;
Chev. Onor. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Caterina Gerada *versus* Avukat Dr. Antonio Caruana

**Sentenza — Kompetenza — Nullità.**

*L-eċċezzjoni ta' nullità ta' sentenza jista' jkollha eżitu favorevoli (a) jekk il-Qorti kienet inkompetenti li tagħti dik is-sentenza, (b) jew jekk dik is-sentenza jkun fiha vjolazzjoni tal-forma meħtieġa skond il-liġi, anki jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm il-darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet lill-konvenut preġudizzju li ma jistax jissewwa ħlief billi s-sentenza tiġi annullata.*

*Imma meta l-Qorti tkun tat sentenza li biha tkun affermat il-kompetenza tagħha, il-parti li ma tridx toqgħod għal dik is-sentenza ma tistax tattakka b'nullità l-istess sentenza per mezz ta' eċċezzjoni quddiem l-istess Qorti li tkun ippronunzjat dik is-sentenza. Dik il-parti jista' jkollha rimedji oħra, bħalma huma l-appell u r-ritrattazzjoni, jew rimedji oħra sanċiti mill-ġurisprudenza; imma mhux dak ta' nota ta' eċċezzjoni ta' nullità tas-sentenza quddiem l-istess Qorti li ppronunzjat is-sentenza.*

Il-Qorti — Rat is-sentenza minnha mogħtija fit-3 ta' Ġunju 1946, fejn hemm riepilogati t-talbiet ta' l-attriċi u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u fejn ġie deċiż illi l-attriċi eżerċitat id-dritt tagħha tar-retratt minħabba t-titolu tal-viċinanza, salva, in riferenza għat-tieni talba, l-eċċezzjoni mogħtija

mill-konvenut li huwa anki konsorti fid-dar irkuprata bħala eredi ta' Maria Teresa Caruana, kif jasserixxi huwa li għandu dan it-titolu, u ordnat li l-ispejjeż ikunu mingħajr taxxa, barra d-dritt tar-Reġistru, li jkun kontra l-konvenut, u l-ispejjeż ta' l-aċċessi, dak li sar mill-Ewwel Qorti u dak li sar minn din il-Qorti, jitħallsu bin-nofs;

Rat is-sentenza l-oħra ta' din l-Qorti tal-20 ta' Diċembru 1946, li biha ġiet respinta t-talba tal-konvenut għar-revoka ta' l-imsemmija sentenza tat-3 ta' Gunju 1946, u konsegwentement għar-ritrattazzjoni tal-kawża fl-istadju ta' l-appell, bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat id-digriet ta' dina l-Qorti tas-7 ta' Mejju 1951, li bih ġie ordnat li l-proċess jiġi rinvijat lill-Ewwel Qorti għat-trattazzjoni u definizzjoni ta' l-eċċezzjoni mogħtija mill-konvenut in riferenza għat-tieni talba, illi huwa anki konsorti fid-dar irkuprata bħala eredi ta' Maria Teresa Caruana, u tal-kwistjonijiet kollaterali sollevati bir-rikors preżentat mill-imsemmi konvenut Dr. Caruana fis-16 ta' Jannar 1951, spejjeż riżervati;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina fis-6 ta' Ottubru 1953, li biha ddikjarat li għandha ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tal-kwistjoni rinvijata lilha minn din il-Qorti bl-imsemmi digriet tas-7 ta' Mejju 1951, bl-ispejjeż mingħajr taxxa, bid-dritt tar-Reġistru kontra l-konvenut;

Rat is-sentenza l-oħra mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina fis-27 ta' April 1954, li biha ġiet respinta l-eċċezzjoni tan-nullità ta' l-imsemmija sentenza tas-6 ta' Ottubru 1953, opposta mill-konvenut; bl-ispejjeż kontra tiegħu, wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi, skond id-dispożizzjoni tal-liġi ċitata mill-konvenut, l-eċċezzjoni mogħtija minnu tista' jkollha eżitu favorevoli (a) jekk dina l-Qorti kienet inkompetenti li tagħti dik is-sentenza, jew (b) jekk f'dik is-sentenza hemm violazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm il-darba din il-violazzjoni ġiebet lill-konvenut preġudizzju li ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi s-sentenza tiġi annullata;

Illi fit-trattazzjoni tal-kawża l-konvenut irrestringa l-eċċezzjoni tiegħu għall-ewwel motiv biss, jiġifieri illi dik is-sentenza hi nulla għaliex dina l-Qorti kienet inkompetenti li tagħmha, u illi l-unika raġuni li l-konvenut ġieb 'il quddiem biex isostni l-allegazzjoni tiegħu fuq dan il-motiv hi dik illi l-Qorti ta' l-Appell ma setgħetx bid-digriet tagħha ġa msemmi tordna illi jiġu minn din il-Qorti trattati u deċiżi tant it-tieni eċċezzjoni kemm il-kwistjonijiet kollaterali sollevati minnu f'din il-kawża;

Illi dan il-lament, fil-każ, il-konvenut ma jistax jivventilah quddiem dina l-Qorti, jew almenu bil-mod kif huwa ġiebu 'l-quddiem, per mezz ta' eċċezzjoni, billi "non può secondo la legge prendersi cognizione della nullità di una decisione se non per via di appello o per via di ritrattazione" (Vol. III, 88; V, 436). Barra minn hekk, bis-sentenza fuq imsemmija li l-konvenut qiegħed jattakka b'nullità, dina l-Qorti ma għamletx hag'oħra ħlief iddikjarat illi hija għandha ġurisdizzjoni, u illi hi kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kwistjoni rinvijata lilha mill-Qorti ta' l-Appell; u għalhekk il-konvenut seta' kellu rimedju iehor biex imur kontra dik id-dikjarazzjoni, jekk deherlu li ma kellux jiġi dikjarat b'dak il-mod, u mhux jattakka dik id-deċiżjoni b'nullità;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut, u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija, mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' April 1954, tiġi revokata, billi tiġi milqugħa l-eċċezzjoni tan-nullità minnu sollevata kontra s-sentenza ta' l-imsemmija Qorti tas-6 ta' Ottubru 1953, mogħtija bejn l-istess partijiet fl-istess ismijiet;

*Omissis*;

**Ikkunsidrat**;

Illi, kif sewwa jinsab rilevat fis-sentenza appellata, ir-rimedju li kien jikkompeti lill-konvenut biex jattakka b'nullità s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-6 ta' Ottubru 1953 ma seta' qatt ikun dak li, b'nota quddiem l-istess Qorti, jeċċepixxi dik in-nullità. Huwa seta' kellu rimedji oħra, stabbiliti mill-liġi, bħal ma huwa l-appell, jew, skond il-każ, ir-ritrattazzjoni, jew rimedji oħra santiċi mill-ġurisprudenza. Għaldaqshekk, apparti konsiderazzjonijiet oħra, li ma hemmx għal-

fejn jigu rilevati, sewwa għamlet l-Ewwel Qorti li rrespingiet l-eċċezzjoni tan-nullità fuq imsemmija, opposta mill-konvenut; u konsegwentement l-appell tiegħu kontra dik id-deċiżjoni mhux attendibili;

Għaldaqshekk;

Tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-Maestà Tagħha r-Regina fis-27 ta' April 1954; bl-ispejjeż kontra l-konvenut Dr. Caruana appellant.